**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

Id-Disa' Leġislatura

**Laqgħa Numru Sebgħa u għoxrin (27)**

**19 ta' Frar 2026**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq It-Tiġrija. Il-laqgħa tal-kunsill bdiet fil-17.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

**Victor Curmi- Sindku**

**Dr. Christian Zammit - Kunsillier**

**Dr Francienne Muscat- Kunsilliera**

**Marion Rita Portelli- Kunsilliera**

**Dr Kevin Cutajar- Kunsillier**

**Leanne Micallef- Kunsilliera**

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**Aaron Agius – Viċi Sindku**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Heidi Grech – Segretarju Eżekuttiv

## 27.1 Talba

Intqagħlet talba tal-bidu flimkien. Is-Sindku s-Sur Victor Curmi ippresieda l-laqgħa.

## 27.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

Il-Kunsill ma rċeviex ittri tal-apoloġija.

## 27.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 25 u 26 u Skeda ta' Pagamenti 2;

Il-minuti tal-Laqgħa Nru 25 u 26 kif ukoll l-Iskeda ta' pagamenti No 2 ġew iċċirkulati minn qabel mis-Segretarju Eżekuttiv u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

Il-minuti kif ukoll l-iskeda ta' pagamenti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Għal daqstant dawn huma meqjusa bħala dokumenti uffiċċjali.

## 27.4 Komunikazzjoni tas-Sindku u tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

Is-Sindku Victor Curmi informa lill-membri dwar:

- Iċ-Ċentru Ċiviku – Ix-xogħol reġa beda u saru l-livelli kollha kif ukoll l-ippjantar. Ix-xogħolijiet mistennija jitkomplew għada.
- Proġett Belveder Qaċċa – Inħalqet problema minħabba il-ħajt għaliex fejn kienet ġejja 'Ix-Xagħra Merħba' ser isir żvilupp u l-Perit nkarigat mix-xogħol għamel oġġezzjoni biex il-ħajt ma jsir xejn miegħu. Wara li morna flimkien mal-Perit tal-Ministeru kien hemm qbil li l-aħjar soluzzjoni hi li nibnu ħajt apparti. Is-Sindku ppreżenta disinn lill-membri, kif ġie ppreparat mill-MGP. Kien hemm qbil li nimxu miegħu.
- Il-Perit tal-Kunsill iltaqa mal-Uffiċċjali ta' Project Green rigward il-pjanti li min-naħa tagħhom talbu xi kjarifika rigward id-dwal. L-Perit tal-Kunsill qed jitkellem mal-Electrical Engineer biex dak li talbu ikun jista jipprovdih.
- Rigwards l-isqaq tal-Mitħna, din il-Ġimgħa ġie fil-post u qala xi ċangaturi kif ukoll ltaqa ma Joseph Bonello biex jara x'jista jsir minħabba l-għeruq tal-ħarruba. Għandu jlesti l-BOQ biex nkunu nistgħu nipproċedu bl-applikazzjoni għall-fondi.
- Resurfacing u xogħol tal-Enemalta, Triq Mannar hija lesta. Din il-Ġimgħa qed ikomplu l-Għejjun, jekk ilestu din il-ġimgħa jagħtu t-tarmak. Wara ser jitkompla x-xogħol fil-Pjazza Nazzarenu, Triq Ġnien Xibla u Kummattiva. Il-Kuntrattur l-ieħor ser jibda Church Street u San Ġużepp u hawn ser jinbidlu wkoll is-servizzi. Se ssir ukoll triq il-Mitħna, ħdejn il-Ġgantija ser tkun wkoll imqaxxra kollha u tingħata kisja tarmak. Wara nkomplu wkoll triq it-Tigrija bis-servizzi b'kollox. Kif se tkun magħluqa Triq it-Tiġrija ser tinbidel ukoll iz-zebra crossing ta' ħdejn il-Knisja. Jibqa mbagħad Triq Masri u parti minn Triq Għajn Qamar

fejn hawn se jsiru wkoll it-tqaxxir u l-kisi. Is-Sindku semma li saħaq li sas-26 ta' April se tkun qed issir il-maratona u ser jieħdu ħsieb li jkunu lesti.

- Proġett CCTV Cameras. F'dawn il-ġimgħat kienu qed isiru l-preparamenti biex jitwaħħlu l-arbli u fil-fatt diġà ġew imwaħħlin wħud minnhom. Kif jitlesta dan il-proċess ser jitkompla x-xogħol ieħor neċessarju biex jitwaħħlu l-cameras.
- Rigward iż-żewġ kilometri toroq semma li hu jinsab infurmat li l-ewwel Triq minn dawk proposti minna ser tkun Triq Ġnien Imrik.
- Proġett Calypso infurmati mill-MGP li din il-ġimgħa ntbatet komunikazjoni lil Kunsill mid-DG. Sa. Vicky Xuereb. Semma li dalgħodu ġie nfurmat li t-tender għal Geological Investigation qed tiġi abbozzata. Dr. Francienne Muscat qed titlob li t-talba tiġi segwita
- Rigward Sqaq in-Nenus ninsab infurmat mill-MGP li t-talba tal-Kunsill ġiet aċċettata flimkien ma dak li tlabna għal Triq Għonqa.
- Phone Box tal-Pjazza – Bħal ma tafu sa issa ma rċivejna ebda tweġiba min naħa tal-GO. Infurmat li din il-problema mhix biss tagħna iżda hawn diversi kunsilli oħra li wkoll ilhom jitolbu lill-GO.
- Fig Festival – Is-sena l-oħra tkellimna li għal entertainment inġibu Band lokali tajba. Aħna tlabna kwotazzjoni lill-grupp Kantera li bħalissa huma popolari sew u dan bagħtu lura li lesti li jiġu bi spiża ta' €3658 vat inkluż. Kien hemm qbil li mmexxu ma dan il-grupp. Kien hemm qbil ukoll li nimxu bl-istess mod ta' mmaniġġjar mal-istess organizzatur bl-istess set up bħas-sena l-oħra. Ġie diskuss ukoll l-bżonn li ssir sistema ta' tokens ta' kif wieħed jista jdur mal-istands għal ikel. Is-Sindku ppropona li tingħabar donation għal xi għaqda (NGO). Kien hemm qbil dwar dan.
- Proġett tad-dwal tal-Pjazza, is-Sindku semma li kompla jistaqsi x'jista jsir minħabba l-kobor tal-kaxxi eżistenti. Huwa spjega li ġie nfurmat li dimensjonijiet kienu oriġinarjament ipprovduti mill-Enemalta minħabba li fihom iridu jidħlu u joħorġu cables ħoxnin biex jissupplixxu d-dawl lir-residenti u lir-restoranti. Kien hemm qbil li nkomplu bil-proġett ħalli l-cables jitpoġġew fit-trinek kif oriġinarjament pjanat u b'hekk jingħalaq il-proġett. Wara, l-Kunsill jara kif jista b'xi mod jibdilhom estetikament.
- Proġett tal-Mitħna – Fejn se jsir maintenance tal-Funtana, bankijiet u upgrade tal-post. Is-sejħa għall-offerti ġiet ippublikata u ser tagħlaq fis-27ta' Frar 2026. Is-Sindku ippropona u kien hemm qbil li l-bord jkun iffurmat minn Ivan Attard,Dr. Larry Formosa, JoeLui Portelli u Perit Johan Camilleri.
- Cameras tal-bring in sites – Tat-tafla għada mhix taħdem u ser titranġa. Triq Marsalforn qed taħdem però mhix tiġi mmoniterjata, Tal-Marġa qed jgħidu li kienet ta' kuntrattur differenti u qed naraw kif is-sistema tista terġa tibda topera.
- Rigward ġemellaġġ ħa nkomplu ma Rahovec u qed nipproponulhom li jiġu fil-perjodu tal-Fig Festival. Kien hemm qbil dwar dan.
- Proġett tal-upgrade ta' trejqet Ġorġ Ċini. Kienet saret l-applikazzjoni mill-Perit Johan Camilleri. Rigward dan il-proġett biex nkomplu mixjin il-quddiem, l-

aħjar li għal-laqgħa li jmiss nistiednu lill-Perit Johan biex jispjega dak li ppropona u nieħdu deċizzjoni kif ser inkomplu.

- Rigward it-talba għal-trqi ta' Karkar u l-Culvert ta' Joseph Refalo sa issa ma irċivejna l-ebda risposta għalkemm għamilna diversi reminders.

*Fil-17.15 Is-Sindku ssosspenda l-laqgħa sabiex jilqa resident li attenda u xtaq ikellem lill-Kunsill. Fil-17.40, l-laqgħa tkompliet.*

- Is-Sindku Victor Curmi tkellem dwar il-monument tal-Pjazza minħabba li rridu niddeċiedu kif ser toħroġ din is-sejħa. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat id-diffikultajiet ta' expression of interest minħabba li l-Kunsill għad ma għandux budget allokat u hemm bżonn li l-Kunsill jkollu pjan ta' kif se ssir is-sejħa. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li talbet il-parir tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn issuġġerixxa li jkun aħjar li toħroġ tender aktar milli Expression of Interest minħabba li jista jkun hemm element suġġettiv. Ġeneralment toħroġ tender għad-disinn u manifattura tal-monument komplut. Id-diskussjoni tkompliet fejn ġew diskussi diversi punti. Il-Kunsill ma wasal għal ebda deċiżjoni dwar dan u ġie maqbul li tintbgħat kopja tas-sejħa kif ħarġet f'kunsill ieħor lill-Kunsilliera kif ukoll l-ispeċifikazzjonijiet li ppreparat il-Perita Mariella Xuereb u li jinkludu t-termini pprovduti mill-XHRO.
- Is-Sindku Victor Curmi informa lill-membri li filgħodu kellu laqgħa ma Transport Malta flimkien mal-Perit tal-Kunsill fejn ġew diskussi diversi issues li hemm pendenti magħhom. Jidher li ħafna minnhom ser jiġu ndirizzati u ser nistennew mingħandhom għal updates. Semma wkoll li flimkien mas-Seg. Eżekuttiv ser ikun qed jattendi għal-laqgħa mal-Ombudsman u nagħmlu l-pożizzjoni tagħna.
- Semma li kellmuh xi residenti dwar l-istat ħażin ta' triq Liberat Grech kif ukoll Triq Pergla. Hu ssuġġerixxa li jsir intervent temporanju billi nimlew bit-torba u jitballat sabiex jitranġaw il-ħofor li hemm f'dawn it-toroq. Kien hemm qbil dwar dan.
- Semma li tkellem mal-PBS rigward il-World Cup Villages li se jkunu qed isiru fil-gzejjer tagħna u avviċinhom biex jara hux interessati jikkolaboraw magħna. Is-Sindku Victor Curmi spjega li se jkunu qed jieħdu ħsieb kollox huma u joffru donazzjoni lill-Kunsill ta' €2,000. Dan biex issir il-Villaġġ ħdejn il-Calypso. Kien hemm qbil unanimu ma dan.

**<u>Mistoqsijiet mill-Kunsilliera Marion Portelli dwar:</u>**

- Staqsiet jekk intalbetx l-informazzjoni lil Lands Department dwar il-proċedura ta permessi tal-ħwienet fil-pjazza. Is-Seg. Eżekuttiv infurmata li ser tkun qed tintbgħat fil-ġranet li ġejjin.
- Staqsiet jekk hux possibbli li jintbgħatu r-regolamenti ta' Ġieħ ix-Xagħra sabiex jiġi rivedut u jiftħu n-nominazzjonjiet. Is-Seg. Eżekuttiv se tkun qed tibgħathom lill-membri.

- Staqsiet jekk hux se terġa ssir is-Summer School u jekk hemmx possibilità ta' fondi. Kien hemm qbil li neġġħu nkellmu lill-għalliema tas-sena l-oħra u naraw jekk jistgħux jipprovdu s-servizz tagħhom għal lezzjonijiet matul il-Jum tas-Sibt. Fin-nuqqas ta' dan, għandna naraw nsibux min jista.

Il-Kunsilliera Marion Portelli għamlet ukoll dawn il-mistoqsijiet li għalihom kien diġà għamel referenza is-Sindku f'punt numru 27.4 u allura ma reġgħux inqraw.

- Ċentru Ċiviku Update
- Update dwar is-CCTV's
- Update dwar Triq 28ta' April u l-każ tal-Ombudsman
- Update dwar il-Playingfield u Project Green
- Update dwar it-telephone box tal-Pjazza

**<u>Mistoqsijiet mill-Kunsilliera Dr. Francienne Muscat:</u>**

- Staqsiet għal update dwar il-laqgħa li kienet intalbet li ssir ma TM dwar diversi Traffic mangement plans ta' toroq. Is-Seg. Eżekuttiv infurmata li min naħa ta' TM qalulna li l-proċedura hija dik li l-Kunsill iressaq it-talba flimkien mat-traffic management plan u TM jtuna l-feedback lura.

- Staqsiet għal update dwar it-talba tagħha li ssir laqgħa urġenti mal-MGP rigward it-2km ta' toroq, zebra crossing, Triq Ġnien Imrik, Triq Karkar, Calypso etc. IS-Seg. Eżekuttiv infurmata li t-talba saret u qed nistennew data min naħa tal-MGP.

- Staqsiet kif sar ix-xogħol fi Triq Ġnien Imrik mingħajr ma ġew ikkonsultati u jekk kienx sar xi ħaġa rigward il-problema ta' Joseph Refalo. Is-Sindku wieġeb li kien hemm periklu u l-Kunsill ħa l-inkarigu biex ineħħi l-periklu sew għas-sewwieqa kif ukoll għar-residenti, billi ingħata ftit cement.

- Staqsiet jekk hemmx xi żvilupp min naħa tal-BCRS. Is-Seg Eżekuttiv se tkun qed tiċċekja mal-Lands dwar l-ownership taż-żona żgħira li hemm ħdejn il-bring in sites.

- Semmiet li tkellmet ma' Heritage Malta u huma wkoll interessati biex issir l-Egg hunt. Qed tistenna data.

- Staqsiet dwar jekk ġewx infurmati l-Għaqda Armar biex isir il-fairy lights fil-pjazza. Is-Seg. Eżekuttiv infurmata li huma nfurmati.

- Talbet għal update dwar il-permess tal-Clean Up li se jsir fl-20ta' Marzu. Is-Seg. Eżekuttiv ser tkun qed tiċċekja dwar l-istadju tal-applikazzjoni.

- Staqsiet jekk irċivejniex kwotazzjoni għal għeluq tal-Pjazza kull nhar ta' Sibt minn Ġunju sa Settembru. Is-Seg. Eżekuttiv ippreżentat kwotazzjoni ta' Transport Malta li tammonta għal €4625. Staqsiet jekk kienx hemm update dwar id-double parking tal-

pjazza. Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-Kunsill li minn Transport Malta infurmawna li t-talba tal-pulizija tal-komunita biex issir karreġjata f'nofs Pjazza il-Vittorja sabiex ikunu jistgħu jamministraw it-traffiku aħjar, mhix milqugħa. Minflok Transport Malta infurmatna li l-pulizijajistgħu jużaw is-saħħa mogħtija lilhom bil-Liġi biex jenfurzaw fejn iħossu l-bżonn. Kien hemm qbil fil-Kunsill li Kevin Cutajar għandu jgħaddi din ir-risposta lill-pulizija tal-komunita fil-laqgħa li jkollu magħhom kull xahar għan-nom tal-Kunsill.

- Staqsiet dwar meta ser jingħataw l-Autumn Fest vouchers, ġaladarba ma sarx il-Karnival. Is-Seg. Eżekuttiv infurmathom li l-vouchers jinsabu l-Kunsill u jistgħu jiġu jinġabru mill-uffiċċju.

Dr. Muscat għamlet ukoll dawn il-mistoqsijiet li għalihom kien diġà għamel referenza is-Sindku f'punt numru 27.4 u allura ma reġgħux inqraw.

- Triq Karkar
- Toroq oħra li se jsiru minn EneMalta – timelines
- Update – Go telephone box
- Wires u trinek tal-pjazza

- Update dwar :
- iċ-Centru Civiku
- il-playingfield
- il-proġett fid-daħla tax-Xagħra
- il-Masterplan tar-Ramla ~~tal-Pjazza~~
- CCTVs
- Proġett tal-Mitħna
- Sqaq in-Nenus u Triq Għonqa
- Triq Pergola
- 3 bozoz fil-Belveder t' Ghajn Xejba – Ġew irrapurtati.

**Mistoqsijiet mill-Kunsilliera Leanne Micallef:**

- Staqsiet kemm huwa ż-żmien li wieħed għandu jimxi miegħu qabel ma tiġi kkanċellata attivita' u jekk hux possibbli li għal sena oħra jinstab post alternattiv fejn ikun jista jsir f'każ li dan jiġi ikkanċellat. Is-Seg. Eżekuttiv infurmata li ma hemmx żmien stipulat pero' wieħed għandu jieħu deċiżjoni biex jikkanċella minn tal-anqas 48siegħa qabel sabiex ikun hemm żmien biżżejjed biex jiġi nfurmat kull min hu nvolut u jsiru l-arranġamenti li jkun hemm bżonn. Ġiet diskussa l-possibilta' ta' post alternattiv però' l-problema tibqa l-ispazju minħabba li l-parteċipanti jkollhom bżonn l-ispazju adegwat minħabba l-kostumi li ħafna drabi jkunu kbar.

- Staqsiet jekk tistax tibda tistaqsi dwar min jista joffri l-korsijiet tal-AED, hekk kif kien ġie maqbul fil-laqgħa preċedenti. Kien hemm qbil dwar dan.
- Talbet għal update dwar l-problema tal-Hop on Hop off u tal-linja li jgħaddu minn Triq Gorf. Is-Seg. Eżekuttiv infurmata li saret komunikazzjoni mal-Hop on Hop Off u ser jikkunsidraw il-ħinijiet attwali. Hemm bżonn li nibgħatulhom l-informazzjoni ta' liema karozzi tal-linja jgħaddu u l-ħinijiet tagħhom. Is-Sindku Victor Curmi semma wkoll il-bżonn li jsiru l-linji sofor fi Triq Ġnien Xibla minħabba li qed ikun hemm karozza pparkjata u tal-linja mhux qed tkun tista tgħaddi. Kien hemm qbil li ninfurmaw lis-sid tal-propjeta quddiem fejn qed nirreferu l-bżonn li jsir u ngħaddu t-talba lil Transport Malta.
- Talbet għal-lista tad-doggy bins fix-Xagħra. Din il-lista ġiet ippreżentata mis-Seg. Eżekuttiv.
- Staqsiet ukoll dwar ix-xogħolijiet tan-Nazzarenu – Din kienet diġà mwieġba mis-Sindku aktar il-fuq.

**<u>Mistoqsijiet mill-Kunsillier Dr. Kevin Cutajar:</u>**

- Staqsa għal update dwar it-tabella tas-Sellum. Is-Seg. Eżekuttiv ippreżentat pjanta li rċivejna minn TM. Din ser terġa tintbgħat lil TM għal xi tibdil peress li tidher li t-tabelli qed jiġu ssuġġerieti bil-kontra.

Dr. Cutajar għamel ukoll dawn il-mistoqsijiet li għalihom kien diġà għamel referenza is-Sindku f'punt numru 27.4 u allura ma reġgħux inqraw.

- Sqaqin Nenus u Pergla
- BCRS
- Update dwar Proġett Funtana ta' ħdejn il-Mitħna
- Żviluppi fuq Triq Karkar
- Update dwar asfaltar ta' toroq u partikularment il-problema ta' Joe Refalo fi Triq Ġnien Imrik.
- Ressaq il-bżonn li jsir xogħol biex jingħalqu il-ħofor ta' Triq Liberat Grech.

**<u>27.5 Kunsiderazzjoni ta'xogħol mill-Minuti preċedenti</u>**

Il-materja relatata ġew diskussi fil-Komunikazzjoni tas-Sindku f'punt numru 27.4.

**<u>27.6 Unaudited Financial Statements 2025 u Audited Financial Statements 2024</u>**

Ir-rapporti finanzjarji intbgħatu lill-membri qabel il-laqgħa. Kopji oħrajn kienu preżentati fuq il-mejda. Dawn ġew diskussi u s-Seg. Eżekuttiv spjegat il-figuri u l-pożizzjoni finanzjarja tal-Kunsill.

Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li għandna Assets under Construction li ilhom ġejjin sa minn 10 snin ilu u li jammontaw għal €33,063, assets li ma nafux x'inhuma. Kien hemm qbil li dawn jitneħħew. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li l-fixed asset register ġie konkluż ukoll.

**27.7 Budget 2026**

Il-Kunsill iddiskuta l-pjan finanzjarju għas-sena 2026 kif ukoll il-proġetti maħsuba li jsiru matul din is-sena. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkomunikat l-ispejjeż proġettati kif ukoll n-nefqa attwali matul is-sena 2025. Il-Pjan Finanzjarju għas-sena 2026 ġie diskuss u approvat unanimament.

**27.8 Fondi Ewropew – Network of Towns**

Is-Sindku Victor Curmi informa l-membri li hemm il-possibilta li napplikaw għal fondi taħt l-iskema Ewropeja Network of Towns fejn jistgħu wkoll japplikaw bħala partners l-bliet li magħhom qed napplikaw għal ġemellaġġ. Kien hemm qbil li napplikaw għal fondi.

**27.9 Mozzjoni Nru 3 – Speedhump fi Triq Mannar**

Il-Kunsillier Dr. Kevin Cutajar ressaq mozzjoni li ġiet sekondata minn Dr. Francienne Muscat sabiex titpoġġa għad-diskussjoni din il-materja. Dr. Cutajar ressaq it-talba sabiex terġa ssir l-speedhump li kien hemm fi Triq Mannar. Din il-materja ġiet diskussa u ġie maqbul li ssir talba lil Transport Malta sabiex din terġa ssir.

**27.10 Mozzjoni Nru 4 – Calypso Cave**

Il-Kunsilliera Dr. Francienne Muscat ressqet din il-mozzjoni li ġiet sekondata mis-Sindku Victor Curmi. Din il-materja kienet diġà ġiet imwieġba f'punt numru 27.4

**27.11 Qari tal-Korrispondenza u lmenti mir-residenti;**

- Irċevejna mingħand il-BCRS il-qisien tal-Hub 3.4m Long x 2.5m wide and 2.62m height. Din il-materja ġiet diskussa f'punt numru 27.4.
- Talba mingħand Mons. Carmelo Refalo biex jiġi kkunsidrat it-twaqqif ta' Monument f'ġieħ Dun Ġiljan Refalo Rapa. Il-Kunsill qed jistenna l-istima.
- Wara ilment mill-operaturi tal-Pompa tal-Petrol, irċevejna mill-Uffiċċju tal-Ombudsman sabiex ssir laqgħa dwar il-One-Way ta' Triq 28t' April nhar il-Ġimgħa 27 ta' Frar 2026 fl-10:00am fl-Uffiċċju tal-Ombudsman. Il-Belt Valletta. Din il-materja ġiet diskussa f'punt numru 27.4.
- Resident jiġbed l-attenzjoni fuq karozzi ħerġin mid-Daħla tal-Qortin, sabiex issir Stop Sign. Kien hemm qbil li napplikaw ma TM.
- Ix-Xagħra Utd F.C. jistieden lis-Sindku u Kunsilliera għal Pasta Night nhar it-28 ta' Frar 2026, u jagħmlu talba għal €250 għall-ispejjes ta' band waqt is-serata.
- Ix-Xagħra Utd F.C. ser jorganizzaw tournament tat-tfal Under 9 u 11 f' Jum ix-Xagħra. Jitolbu €1000 biex jiffinanzjaw l-attivita' u preżentazzjoni tal-midalji. Kien hemm qbil ma dan.

- Grupp Kantera bgħatu kwotazzjoni għal performance waqt ix-Xagħra Fig Festival 2026, (is-Sibt 27 ta' Ġunju 2026). 8 Piece Band – 2hrs – €3,100. Kien hemm qbil li mmexxu ma dan il-grupp.
- TCTC qed jitolbu lil Kunsill jappogga permezz ta' post u konnettività għal programm edukattiv AI għat-tfal bejn 8 u 12 -il sena, fis-Sajf (Ġunju-Nofs Awwissu). Il-Kunsill ma għandux l-attrezzi mitluba sabiex ikun jista joffri dan il-kors.
- Mid-DLG jistednuna nagħmlu twinning mal-belt ta' Gericho, b'risposta sal-Erbgħa 11 ta' Frar 2026. Il-Kunsill ħa nota ta' dan.
- Mid-DLG jfakkruna l-importanza u l-obbligu biex ninnominaw Deputat Segretarju Eżekuttiv skond art. 50 ta' Kap 363, u meta jkun ser jaġixxi, jiġu nfurmati it-taqsima tar-Riżorsi Umani tad-Diviżjoni. Kien hemm qbil li tiġi nnominata s-Sa. Marjon Mejlak, s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Xewkija.
- Talba mill-Għaqda Nar Xagħra sabiex jikkolaboraw biex tittella l-attivita' tal-Għid. Kien hemm qbil li nikkolaboraw sa massimu ta' €500.
- Iċ-Ċentru Ġesu' Nazzarenu resqu t-talba għal kollobarazzjoni mal-Kunsill sabiex tittella l-Wirja tal-Ġimgħa Mqaddsa (28 ta' Marzu – 5 ta' April 2026). Kien hemm qbil li nikkolaboraw sa massimu ta' €1200.
- Il-Kav. Joe M. Attard qed jitlob lil Kunsill jixtri l-publikazzjoni ta' ktieb ta' Poeżiji dwar Għawdex u l-Għawdxin. Qed jinbiegħ għall-prezz ta' €15. Kien hemm qbil li nixtru ftit kotba.
- Ġiet preżentata korrispondenza u pjanti li rċivejna mingħand il-Perit Lauran Dimech dwar il-proposta ta' traffic management għal pjazza ta' San Anton b'referenza għal PA 8192/24 u l-permess PC 49/23. Is-Sindku Victor Curmi spjega li se jsir Cul de sac u Transport Malta ħaduha diġà f'konsiderazzjoni fit-traffic Management ta' din it-triq. Is-Sindku Victor Curmi semma wkoll li l-ispejjeż involuti jridu jidħlu għaliha huma u mhux il-Kunsill. Kien hemm qbil ma dan.
- Korrispondenza mill-Gozo Bird Breeders Society bgħatu biex jirringrazzjawna għall-esibizzjoni tal-Annual Bird Show u qed jitolbu li nerġgħu nikkolaboraw għal esibizzjoni tal-Annual Bird Show 2026. Kien hemm qbil li nikkolaboraw sa massimu ta' €200.
- Il-GRDA jitolbuna informazzjoni dwar facilita' fejn jistgħu jorganizzaw workshops relatati mal- programm "*Cohesion and Social Inclusion Programme.*"
- Fis-26ta' Marzu se jsir Seminar mill-AKL dwar il-Bus Shelters.
- Qed nistennew mil-Lands dwar l-ownership ta' żewġ sqaqin li hemm fi Triq 8 ta' Settembru. F'każ li dawn huma pubbliċi hemm qbil li jissemmew Sqaq No

1 u Sqaq No 2. Dwar Triq Lorent Ropa, l-isqaq mexxejna bl-applikazzjoni sabiex jingħata l-isem preferibilment Sqaq fi Triq Bullara jew Daħla tal-Għeżien.

- Saret laqgħa mac-Chief Librarian dwar proġett li se jkun qed isir fil-libreriji kollha u nfurmatna li huwa proġettat li jsir programm bl-isem Min hu Ghawdex, maqsum fuq 4 sessjonijiet. Se jkun qed joffri informazzjoni dwar postijijet storiċi f'Għawdex. Semmiet ukoll li qed tipproponi proġett uniku biex isiru f'kull librerija f'Għawdex. Issuġġeriet li fil-lokalita' tagħna ssir sezzjoni ta' qari lil pet tagħna(l-qattus). Irċivejna l-ammont ta' €800 mill-Malta Libraries biex jinxtraw kotba ġodda għal-librerija.
- Rigward l-akkwist tal-programm Sage, iċċekkjajna dwar programm alternattiv li jismu Summa Cloud u li hu verżjoni alternattiva u aktar ekonomika. Ingħatajna l-approvazzjoni tad-Dipartiment kif ukoll tal-Accountant tal-Kunsill u allura se nkunu qed nimxu ma din l-offerta li hija ta' €65 kull xahar kif ukoll €620 għall-installazzjoni.
- Talba biex jitpoġġa kiosk ħdejn il-playingfield. Il-Kunsill ma approvax din it-talba.
- PC0022/25 – *Change to building alignment with vehicular access ltd to Emergency vehicles.*
- Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret fil-bżonn li ssir il-laqgħa Pubblika. Kien hemm qbil li ssir fl-istess ġurnata tal-laqgħa li jmiss.

**27.11 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fit-21.00pm u ġiet aġġornata għall-Ħamis, 26 ta' Marzu 2026 fis-17.30pm. Kien hemm qbil ukoll li tissejjaħ il-laqgħa Pubblika fl-istess ġurnata fil-17.00pm.

Konfermati illum il-Ħamis, 26 ta' Marzu 2026.

**IFFIRMATA**

**Victor Curmi**
**Sindku**

**IFFIRMATA**

**Heidi Grech**
**Segretarju Eżekuttiv**